MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 1110/2003

**GM International Services Limited**

**vs**

**M/Y Ilderim IV**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mis-socjeta’ attrici fis-27 ta’ Ottubru, 2003, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi:

Is-socjeta’ attrici f’Settembru, 1990 giet appuntata mill-konvenut bhala l-agent lokali ghall-*Motor Yacht* taghha *ILDERIM IV*,

Is-servizzi li kienet tipprovdi is-socjeta’ attrici kienu jikonsistu principalment billi tesegwixxi l-ordnijiet li kienet tircievi minghand il-konvenut fil-parti l-kbira fil-

manutenzjoni tal-*yacht* fuq imsemmi u li tisuplixxi provizjon ghall-*yacht* u ghall-crew tieghu.

Is-socjeta' attrici ipprestat dawn is-servizzi ghal dawn l-ahhar tlettax il-sena u dejjem gew esegwiti ghas-sodisfazzjon tal-konvenut tant illi hallas regolarment il-kontijiet kollha dovuti sa Lulju 2002.

Illum baqa' bilanc favur is-socjeta' attrici fis-somma ta' tminja u ghoxrin elf sitt mija, sebgha u tletin lira Maltin u sittin centezmu (Lm28,637.60) prezz ta' *spare parts*, *drydocking*, flus mahruga mis-socjeta' attrici ghall-provizjon ta' l-ikel ghall-crew u bzonnijiet essenzjali ghall-bastiment, *berthing fees,* konsum ta' dawl u ilma u spejjez ohra kif spjegat fl-anness Doc B.

Is-socjeta' attrici m'ghadiex l-agent lokali tal-konvenut.

Ghalkemm l-konvenut gie interpelat sabiex ihallas il-bilanc dovut lis-socjeta' attrici ghas-servizzi fuq imsemmija, baqa' inadempjenti;

Dan id-dejn huwa cert, likwidu u esigibli u fil-fehma tas-socjeta' attrici il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba tal-hlas mitlub.

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta' attrici bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Konsegwentament tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tminja u ghoxrin elf sitt mija, sebgha u tletin lira Maltin u sittin centezmu (Lm28,637.60) dovut lilha bhala prezz ta' *spare parts*, *drydocking*, flus mahruga mis-socjeta' attrici ghall-provizjon ta' l-ikel ghall-crew u bzonnijiet essenzjali ghall-bastiment, *berthing fees*, konsum ta' dawl u ilma u spejjez ohra kif spjegat fl-anness Doc B.

Bl-imghaxijiet u spejjez komprizi dawk tal-Mandati tal-Qbid u ta' Impediment ta' Tluq ta' Bastiment prezentati fis-16 ta' Ottubru, 2003 kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-21 ta' Novembru, 2003, li in forza taghha awtorizzat lill-bastiment konvenut jikkontesta il-kawza, u ppreferiliggiet terminu ghal-presentata tan-nota tal-eccezzjonijiet;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-bastiment konvenut li in forza taghha eccepiet illi:

1. L-azzjoni istitwita mis-socjeta' attrici, *cioe'* dik *in rem*, ma tistax treggi billi hafna mill-krediti allegatament dovuti ma jaghtux lok ghall-azzjoni *de quo*, izda biss ghal dik *in personam*, u dan kif sejjer jirrisulta ampjament fit-trattazzjoni tal-kawza;

2. Kif jirrisulta mid-Dok. W esebit man-nota ta' riduzzjoni presentata mis-socjeta' attrici waqt l-udjenza tal-21 ta' Novembru, 2003, certi pagamenti, partikolarment dawk dovuti lil *Manoel Island Yacht Yard*, ma thallsux mis-socjeta' attrici, li m'ghandha l-ebda jedd tirreklama hlas ghalihom. Il-bilanc dovut lill-imsemmija *Manoel Island Yacht Yard* thallas direttament mill-*yacht* konvenut, kif jirrisulta mill-annessa kopja ta' ittra Dok. ST1;

3. Diversi spejjez gew maghmula minghajr il-kunsens tas-sidien, u hemm diversi fatturi ohrajn li ma jisthoqqilhomx li jithallsu;

4. Minghajr pregudizzju, diversi mill-*istatements* presentati m'humiex sorretti minn fattura, jew ricevuta fiskali, u f'diversi kazijiet m'hemm l-ebda riferenza ghall-*yacht* konvenut;

5. L-azzjoni istitwita saret bi ksur tal-obbligu fiducjarju tas-socjeta' attrici li ghamlet uzu minn informazzjoni maghrufa lilha fil-kwalita' taghha ta' agent sabiex tintenta l-azzjoni b'mod klandestin, waqt illi s-sidien tal-*yacht* konvenut kienu barra minn Malta.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici tal-21 ta' Novembru, 2003, li in forza taghha irriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' Lm22,997.60;

Rat in-nota ulterjuri tas-socjeta' attrici tat-3 ta' Marzu, 2004, li in forza taghha irriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' Lm20,608.60;

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Mejju, 2005, li *in forza* taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-bastiment konvenut, u ordnat il-prosegwiment tal-kawza fil-meritu;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza, is-socjeta' attrici qed tallega li irrendiet diversi servigi lill-bastiment konvenut konsistenti, fil-parti l-kbira, fil-manutenzjoni tal-yacht u anki fi provizjon ghall-yacht u l-crew taghha. Dan ix-xoghol ilu jsir ghal-snin twal u bejn il-partijiet jidher li kien jopera speci ta' kont kurrent, fis-sens, li x-xoghol isir on credit u l-hlas isir kull tant zmien, mhux dejjem b'mod regolari u mhux dejjem kien isir hlas versu invoice partikolari. Is-socjeta' attrici tallega li l-bilanc dovut hu ta' Lm20,608.60, u qed titlob il-kanonizazzjoni ta' dan il-kreditu favur taghha. L-azzjoni saret kontra l-bastiment u ghandha in-natura ta' azzjoni in rem.

Il-bastiment konvenut giet mitluba tiddikjara li kontestazzjoni taghha fir-rigward tal-*invoices* li taghhom is-socjeta' attrici qed titlob hlas. Il-bastiment konvenut

ressaq nota fis-26 ta' Settembru, 2005, fejn elenkat hames *items* li, skond hi, m'ghandhiex thallas ghalihom. Dawn l-*items* huma s-segwenti:

1. Falzon Service Station = Lm332.50

2. *Delivery of paintings on board* = Lm50

3. *Watermaker spares* = Lm1,242

4. *Cloning of two stabilizer boards* = Lm950

5. *Cash to* Mr. Akesson = Lm1000

Il-bastiment konvenut qed jichad responsabilita' ghal dawn il-hlasijiet peress li s-servizzi ma inghatghux fuq ordni jew bil-kunsens tal-kaptan tal-bastiment, u l-Kaptan Akesson allega li hu ma irceviex is-somma ta' Lm1,000 li s-socjeta' attrici tghid li ghaddietlu.

Dwar l-ewwel *item*, il-bastiment konvenut issostni li l-*bunkering in kwistjoni* inghata wara uzu mhux awtorizzat tal-*yacht* minn John Gauci Maistre. Dan tal-ahhar, *pero'*, spjega, li l-kumpanija tieghu u hu personalment kienu jaghtu servizz tajjeb lill-bastiment, hafna drabi aktar milli kien jigi kkontrattat, u bhala korrispettiv, sid il-*yacht* kien jghidlu li seta' juza l-*yacht* meta hu (jigifieri, s-sid) ma kienx qed juzah. Jidher li sid il-bastiment kellu fidi cieka fil-fatt li s-socjeta' attrici kienet tiehu hsieb il-*yacht* tieghu daqs li kieku kienet taghha stess, u kull darba li kienet tinqala' problema, u l-crew jirrikorru ghas-sid, is-sid kien konsistentement jirriferi l-problema lis-socjeta' attrici, partikolarment lill-John Gauci Maistre. Fil-fatt, dan ix-xhud esebixxa dokument, li hi ittra iffirmata mill-Kaptan Akessan, li tghid li dan ix-xhud kien awtorizzat *"to use my yacht in local and foreign waters"*. *Kwindi*, kull uzu li sar mill-*yacht* minn John Gauci Maistre, sar wara awtorizazzjoni tal-Kaptan, u *kwindi* l-bastiment ghandu jwiegeb ghal kull hlas li hu konness ma' dak l-uzu.

Ix-xhud John Gauci Maistre jispjega *inoltre* li, mhux l-ewwel darba, li hallas minn butu ghall-*bunkering* ta' dan il-

*yacht*. Fil-fatt, semma li fl-2002, hu issupplixxa l-*yacht* b'4,300 litri gass minn flusu. Meta uza l-*yacht*, hu uzha ghal 3 tijiem u kkonsuma 1200 litri gas. Ghalhekk, ma jirrizultax li dan ix-xhud ikkonsuma xi *fuel* li kien hallas ghalih sid il-bastiment. Li dan ix-xhud kien jonfoq flus minn butu ghall-*yacht*, jirrizulta wkoll minn ittra li kien bghatlu l-Kaptan Akesson fit-8 ta' Settembru, 2003, li fiha indika li John Gauci Maistre *"have paid a lot of expenditure for the boat"*.

Is-socjeta' attrici wriet ukoll li l-*invoices* relattati mad-*delivery of painting on board*, u mal-*ispares* ghall-*water maker* (Lm714.63, u mhux Lm1,242 kif hasbet il-bastiment konvenut) kienu gustifikati u saru fl-interess tal-*yacht* u l-uzu li s-sid kien qed jaghmel taghha.

Dwar l-*item* numru 4, *cloning of two stabilizer boards*, ma jirrizultax li, fil-fatt, is-socjeta' attrici qed tirreklama l-ammont indikat. Hija, fil-fatt, kienet harget *credit note* ghas-somma ta' Lm950, u mhux *invoice*, u *kwindi* l-*"kontestazzjoni"* tal-bastiment konvenut hija barra minn lokha.

Dwar l-ahhar *item*, jirrizulta li s-socjeta' attrici kienet poggiet kwantita' ta' flus Euro (ekwivalenti ghall-Lm1,000) fis-*safe* tal-*yacht*, u dan ghall-uzu tal-Kaptan u l-htigijiet tal-*yacht*. Il-Kaptan Akesson ammetta, f'ittra datata 8 ta' Settembru, 2003, li sab dawn il-flus fis-*safe*; hu talab spjegazzjoni taghhom, li nghatghalu, *pero'*, ma wriehiex li ma zammx il-flus jew irritornhom lis-socjeta' attrici. Darba li jirrizulta li l-Kaptan tal-*yacht* ircieva dawk il-flus, hu kellu jipprova li gew ritornati (u dan ghax l-oneru tal-prova tal-pagament huwa dejjem mixhut fuq id-debitur li jallega hlas), izda ma tressqet ebda prova fir-rigward. Il-pretensjoni tas-socjeta' attrici tirrizulta, ghalhekk, gustifikata.

Il-pretensjonijiet l-ohra, kif inghad, ma gewx kontestati mill-bastiment konvenut, u gew ikkonfermati, anke bl-esibizzjoni tal-*invoices* relattivi, mill-ufficcjali tas-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza, billi tichad l-eccezzjonijiet tal-bastiment konvenut, tilqa’ t-tieni talba attrici kif ridotta, u tikkundanna lill-bastiment konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm20,608.60 (ghoxrin elf, sitt mija u tmien Liri Maltin u sittin centezmu) dovut bhala rimbors ta’ hlasijiet u ghas-servigi minnha rezi fuq inkarigu tal-bastiment konvenut, bl-imghaxijiet legali mis-27 ta’ Ottubru, 2003, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-bastiment konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------